StudentBounty.com

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Ro

**IT-TIELET SENA** | **STORJA (ĠENERALI)** | **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem:** ________________________________________ **Klassi:** ________________

**1. Wieġeb billi tagħmel ĊIRKU madwar l-oġġetti skont kif mitlub.**

1.1 Liema **tmien (8)** oġġetti minn dawn kienu jeżistu fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta bejn l-1530 u l-1798?



(8 x 1 = 8 marki)

1.2 Liema **tnejn (2)** minn dawn il-bċejjeċ tal-baħar kienu jintużaw mill-Kavallieri f'Malta?



(2)

1.3 Liema **erbgħa (4)** minn dawn l-armi tal-ġlied kienu jintużaw mill-Kavallieri f'Malta?



(4)

**(Total 14-il marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. **Ħares sewwa lejn il-mappa u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

L-inħawi tal-portijiet ewlenin fi żmien il-Kavallieri.




Niżżel in-numru li jidher fil-mappa għal dawn il-postijiet li nbnew fi żmien li l-Kavallieri kienu jaħkmu fuq il-Gżejjer Maltin.

| | | |
|---|---|---|
| 2.1 | Il-Port ta' Marsamxett. | |
| 2.2 | Is-subborg tal-Furjana. | |
| 2.3 | Il-Belt Valletta, mibnija fuq l-Għolja Xeberras. | |
| 2.4 | Il-Forti Tigné fid-daħla tal-Port ta' Marsamxett. | |
| 2.5 | Il-belt tal-Isla (Senglea) mibnija ftit snin qabel l-Assedju l-Kbir. | |
| 2.6 | Is-swar Santa Margerita li nbnew madwar Bormla. | |
| 2.7 | Forti Manoel mibni fuq il-Gżira Manoel fil-Port ta' Marsamxett. | |
| 2.8 | Il-Birgu, fejn il-Kavallieri kienu joqogħdu meta ġew Malta. | |
| 2.9 | Is-swar tal-Kottonera, mibnija biex isaħħu d-difiża tal-Kottonera. | |
| 2.10 | Forti Rikażli, mibni fid-daħla tal-Port il-Kbir. | |
| 2.11 | Forti Sant'Jiermu, mibni fil-ponta tal-Għolja Xiberras. | |
| 2.12 | Il-Port il-Kbir. | |

**(Total 12 x 1 = 12-il marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**3. Imla l-vojt f'dawn il-paragrafi dwar il-wirt storiku ta' żmien il-Kavallieri. Il-**
**għandek tuża huma mogħtija hawn taħt.**

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ***ilma*** | ***antika*** | ***Katidral*** | ***restawrat*** | ***Barokk*** | ***Caravaggio*** | ***San Ġwann*** | ***Mondio*** |
| ***Manoel*** | ***tbattlet*** | ***storiku*** | ***Valletta*** | ***Vilhena*** | ***Kavallieri*** | ***Magħmudija*** | ***akwidott*** |



3.1 Il-Kavallieri bnew għall-użu tagħhom il-Knisja ta' ____________ fil-Belt ____________. Din il-Knisja hi mżejna bl-isbaħ teżori tal-arti li ħallewlna l-Kavallieri, fosthom il-*Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann,* tal-pittur ____________ u l-istatwa tal- ____________ *ta' Kristu,* tal-iskultur Carapecchia.



3.2 Il-Kavallieri għamlu l- ______________ ta' Wignacourt biex iwasslu l- ____________ minn nixxiegħat ta' taħt l-Imdina sal-Belt Valletta. Illum dan il-bini ġie ____________ u jagħmel parti mill-wirt ____________ ta' żmien il-Kavallieri.



3.3 Fi żmien il-Granmastru de ____________ nbena t-Teatru ____________ fil-Belt Valletta. Dan it-teatru nbena fuq stil ____________ mill-arkitett Franċiż François ____________. Illum f'dan il-post għadhom isiru kunċerti u drammi għall-pubbliku.



3.4 Fir-ritratt jidher il-bieb ewlieni tal-belt l- __________ l-Imdina. Fi żmien il-____________ din il-belt tilfet l-importanza tagħha tant li kważi ______________ min-nies. Iżda il-Granmastru Vilhena ħa ħsieb jirrestawraha. Ħafna mill-bini importanti twaqqa' u reġa' nbena, fosthom il- ______________ iddedikat lil S. Pietru u S. Pawl.

**(Total 16-il marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**4. Ikteb VERU jew FALZ għal dawn is-sentenzi dwar Malta fi żmien il-Kavalli**

4.1 L-Inkwizitur kellu Palazz fl-Imdina. ______________

4.2 Ġlormu Cassar pitter is-saqaf tal-Kon-Kattidral. ______________

4.3 L-akbar għedewwa tal-Kavallieri kienu t-Torok. ______________

4.4 L-akwadott inbena bejn il-Mosta u l-Belt Valletta. ______________

4.5 Is-*Sacra Infermeria* kien l-isptar ewlieni tal-Kavallieri. ______________

4.6 Il-mexxej tal-Kavallieri kien il-Granmastru. ______________

4.7 Ħafna mill-bini fil-Belt Valletta nbena fuq stil Barokk. ______________

4.8 Il-Granmastru Pinto ħalla warajh ħafna dejn. ______________

**(Total 8 marki)**

**5. Dawn it-tliet sorsi għandhom x'jaqsmu mas-saħħa fi żmien il-Kavallieri f'Malta. Ħares sewwa lejhom u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**



Sors A



Sors B



Sors Ċ

5.1 Spjega dak li qed tara f'sors A. ________________________________________

________________________________________________________________ (1)

5.2 Sors B juri sala importanti fi sptar li l-Kavallieri bnew fil-Belt Valletta. Kif kien magħruf dan il-post? ________________________________________ (1)

5.3 Għaliex dan is-servizz kien importanti ħafna għall-Kavallieri ta' San Ġwann?

________________________________________________________________ (1)

5.4 X'jismu dan il-post illum u kif qed jintuża? ______________________________

________________________________________________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5.5 F'sors Ċ jidher sptar ieħor mibni mill-Kavallieri fuq *Manoel Island*. B'liema
kien magħruf dan l-isptar? ______________________________

5.6 X'tip ta' pazjenti kienu jittieħdu fih? ______________________________

______________________________ (1)

5.7 Għaliex dan l-isptar inbena fuq gżira f'nofs il-Port ta' Marsamxett?

______________________________ (1)

5.8 X'kienet il-**kwarantina**? Agħmel sinjal taħt it-tajba.
(a) *epidemija qerrieda* (b) *ħlas biex wieħed juża l-isptar* (ċ) *perjodu ta' isolament* (1)

5.9 X'fama kienet akkwistat Malta fil-qasam tas-saħħa fi żmien il-Kavallieri?

______________________________ (1)

**(Total 10 marki)**

**6. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**



**Sors D**



**Sors E**

6.1 X'tinnota dwar il-bini ta' żmien il-Kavallieri f'sors D u E?

______________________________

______________________________ (1)

6.2 X'tinnota dwar is-sors E li mhux qed isir f'sors D?

______________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

6.3 Għaliex taħseb li dawn il-postijiet waqgħu f'dan l-istat?

___________________________________________________________________

6.4 Semmi **żewġ** għaqdiet li qed jieħdu ħsieb il-wirt storiku Malti.

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________ (2)

6.5 Għaliex għandna nieħdu ħsieb bini bħal dan? Semmi **żewġ** raġunijiet.

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________ (2)

6.6 X'intervent qed isir fuq il-bini ta' sors B? **Tlieta** biss minn dawn huma tajbin.

(i) *ibajdu s-sur*
(ii) *ikaħħlu l-fili miftuħin*
(iii) *iwaħħlu l-wires tal-elettriku*
(iv) *jaqilgħu l-ħaxix ħażin*
(v) *jibdlu l-ġebel li ttieklu biż-żmien*
(vi) *qed jarmaw biex jaħarqu murtali minn fuq is-sur*
(vii) *jagħmlu graffiti (tpinġijiet) mas-sur* (3)

**(Total 10 marki)**

**7. Għaqqad Kolonna A ma' Kolonna B billi tuża l-ittri minn A sa E.**

7.1 Għaqqad Kolonna A ma' Kolonna B dwar ir-Rivoluzzjoni Franċiża.

| | | | |
|---|---|---|---|
| A | Fis-seklu 18 Franza kienet titmexxa | | ħabat għall-fortizza tal-Bastilja. |
| B | Qabel ir-Rivoluzzjoni, r-re Lwiġi XVI | | jgawdu minn bosta privileġġi. |
| Ċ | In-nobbli u l-kleru fi Franza kienu | | mill-monarkija. |
| D | Il-bdiewa Franċiżi kellhom iħallsu | | sehem fit-tmexxija tal-pajjiż. |
| E | Il-klassi tan-nofs ma kellha l-ebda | | kellu poter assolut. |
| F | Ir-Rivoluzzjoni bdiet meta l-poplu | | l-parti l-kbira tat-taxxi. |

(5 x 1 = 5)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

7.2 Għaqqad Kolonna A ma' Kolonna B dwar il-ħakma tal-Franċiżi f'Malta.

| | | | |
|---|---|---|---|
| A | Il-flotta Franċiża ħabtet għal Malta | | Napuljun Bonaparti. |
| B | Il-mexxej tal-Franċiżi kien il-Ġeneral | | fi triqtha lejn l-Eġittu. |
| Ċ | Biex ikun jista' jidħol fil-Port il-Kbir | | l-Franċiżi ħabtu għal Malta. |
| D | Napuljun minnufih ordna li jitkeċċa | | Napuljun talab li jingħata l-ilma. |
| E | Hompesch kien il-Granmastru meta | | l-Inkwiżitur minn Malta. |

(5 x 1 = 5)

**(Total 10 marki)**

**8. Agħżel TNEJN minn dawn it-temi u ikteb mhux inqas minn SITT sentenzi fuq kull wieħed minnhom.**

8.1 Il-bini tal-Belt Valletta fl-ewwel snin wara l-Assedju l-Kbir
8.2 Il-Qorti tal-Inkwiżitur f'Malta
8.3 Il-karatteristiċi tar-raħal antik Malti
8.4 Xogħlijiet tal-Maltin fi żmien il-Kavallieri
8.5 L-Irvell tal-Maltin kontra l-Franċiżi

**(Total 10 x 2 = 20 marka)**

| |
|---|
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers